**A.L. 100 tal-2022**

**ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA**
**(KAP. 465)**

**Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta’ Kwarantina (Emenda Nru 3)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

**1.** (1) It-titolu ta’ dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta’ Kwarantina (Emenda Nru 3) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar il-Perjodu ta’ Kwarantina, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

Titolu u bidu fis-seħħ.

L.S. 465.13.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta’ Marzu 2022.

**2.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

"(1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b’dan tordna li kull persuna mingħajr ċertifikat validu ta’ tilqima rikonoxxuta li tasal Malta minn pajjiż ieħor għajr għall-pajjiżi elenkati fis-subartikolu (3) għandha tissottometti ruħha għal erbatax-il (14) jum perjodu ta’ kwarantina minnufih meta tasal Malta:

Iżda fejn il-persuna li tasal Malta minn pajjiż ieħor għajr għall-pajjiżi elenkati fis-subartikolu (3) u jkollha fil-pussess tagħha ċertifikat validu ta’ tilqima rikonoxxuta hija għandha tissottometti ruħha għal sebat (7) ijiem perjodu ta’ kwarantina minnufih meta tasal Malta:

Iżda wkoll is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista’, fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, tipprovdi għal eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet ta’ dan l-ordni, b’avviż fil-Gazzetta jew bi protokolli maħruġa, jew diġà fis-seħħ, għal dan il-għan, fejn, fl-opinjoni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, l-ivvjaġġar mingħajr l-impożizzjoni ta’ kwalunkwe perjodu ta’ kwarantina huwa meqjus neċessarju jew essenzjali fir-rigward ta’ ċerti persuni, bżonnijiet jew servizzi.".

**L.N. 100 of 2022**

## PUBLIC HEALTH ACT
## (CAP. 465)

### Period of Quarantine (Amendment No. 3) Order, 2022

IN EXERCISE of the powers conferred by article 27(c) of the Public Health Act, the Superintendent of Public Health has made the following order:-

Citation and commencement.

S.L. 465.13.

**1.** (1) The title of this order is the Period of Quarantine (Amendment No. 3) Order, 2022 and this order shall be read and construed as one with the Period of Quarantine Order, hereinafter referred to as "the principal order".

(2) This order shall come into force on 7th March 2022.

Amends article 2 of the principal order.

**2.** Sub-article (1) of article 2 of the principal order shall be substituted by the following new sub-article:

"(1) The Superintendent of Public Health hereby orders that any person without a valid certificate of recognised vaccination arriving in Malta from any country other than those listed in sub-article (3) shall submit himself to a fourteen (14) day period of quarantine immediately upon his arrival in Malta:

Provided that where the person who arrives in Malta from any country other than those listed in sub-article (3) and is in possession of a valid certificate of a recognised vaccination he shall submit himself to a seven (7) day period of quarantine immediately upon his arrival in Malta:

Provided further that the Superintendent of Public Health may, in her absolute discretion, provide for exemptions from the provisions of this order, by notice in the Gazette or by protocols issued, or already in force, for this purpose, where, in the opinion of the Superintendent of Public Health, the travel without the imposition of any period of quarantine is deemed necessary or essential in relation to certain persons, goods or services.".